MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1369/1993/1

**George Borg u John J. Borg bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' Primrose Poultry Products Limited**

**vs**

**Effie Mifsud**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hmistax il-lira maltija (Lm1015), bilanc ta' somma akbar prezz ta' prodotti lilu mibjugha u konsenjati, kif

jidher mill-prospett (Dok. B) flimkien mal-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sal-effettiv hlas, liema dejn hu cert, likwidu u skadut;

Illi fil-fehma ta' l-atturi nomine l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi u x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub, u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza, ghat-tenur tal-art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smieghu skond l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond it-talba; u

2. tikkundannah li jhallas lill-atturi nomine s-somma ta' elf u hmistax il-lira maltija (Lm1015) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' prodott lili mibjugha w konsenjati, flimkien mal-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-6 t'Awissu, 1993, kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-ccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit li l-eccipjenti jammetti t-talba limitatament ghall-ammont ta' seba' mija u sittin lira maltin (Lm 760) pero' jikkontestaha kwantu ghall-bilanc billi l-atturi nomine ma ghamlu l-ebda tnaqqis kif pattwit;.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;.

Rat in-nota tas-socjeta attrici tas-26 ta’ Ottubru 1994 li biha t-talba giet ridotta ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin liri maltin (Lm255) stante pagament ta’ Lm760 fil-mori tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Jannar 1999;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elf u hmistax il-lira maltija (Lm1015), bilanc ta' somma akbar prezz ta' flieles lilu mibjugha u konsenjati. Da parti tieghu l-konvenut ammetta li ghandu jghati lis-socjeta attrici parti mis-somma mitluba. Difatti huwa jammetti li ghandu jghati s-somma ta’ seba' mija u sittin liri maltin (Lm760). Il-konvenut qed jikkontesta li ghandu jghati l-bilanc stante li s-socjeta attrici ma ghamlitx it-tnaqqis skond kif kien miftiehem. Fid-dikjarazzjoni guramentata l-konvenut specifika li hu kien ftiehem ma wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici, cioe l-attur Geoge Borg, li ghal kull mitt (100) fellus li l-konvenut kien ser jixtri kellhom jinqatghu mill-kont tliet liri maltin (Lm3). Il-konvenut isostni li ghalhekk li s-socjeta attrici kellha tnaqqas Lm135 fuq l-ewwel partita ta' erbat elef u hames mitt (Lm4500) fellus u Lm120 fuq il-partita ta' erbat elef (4000) fellus;

Jirrizulta li l-konvenut fil-mori tal-kawza hallas l-imsemmija somma ta’ Lm760 u minhabba f’hekk is-socjeta attrici, fis-26 ta’ Ottubru 1994, ippresentat nota li biha t-talba giet ridotta ghas-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin liri maltin (Lm255);

Il-kwestjoni kollha hi jekk dak li qed jallega il-konvenut huwiex minnu u cioe’ jekk il-partijiet ftehemux li kellu ikun hemm tnaqqis ta’ Lm3 ghal kul l00 fellus li jixtri l-konvenut. Il-konvenut jghid li dan il-ftehim sar ma George Borg, li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici. George Borg,

da parti tieghu pero', jichad li qatt sar ftehim bhal dan. Dan id-direttur tas-socjeta attrici jghid li l-konvenut kien dahhal f'rasu li l-istess socjeta attrici kienet ser thallas l-ammonti li kienu dovuti lilu minn socjeta ohra, cioe' socjeta kummercjali apparteneti lill certi ahwa Cardona. George Borg jghid li s-socjeta attrici kienet b'xi mod akkwistat xi assi ta' din is-socjeta ta' Cardona pero' qatt ma assumiet li thallas l-ammonti li kienu dovuti mill-istess socjeta;

L-imsemmi George Borg jghid li bona grazia tas-socjeta attrici u sabiex il-konvenut jigi agevolat, peress li kellu l-imsemmija pendenza ma ta' Cardona u peress li s-socjeta attrici kienet fil-pussess ta' xi assi dejjem ta' Cardona, huma kienu ftiehem mieghu li tinghatalu certa ghinuna jekk il-konvenut jixtri l-flieles minnghand is-socjeta attrici u jekk ghal dawn il-flieles huwa jhallas fil-pront. George Borg jghid li in effett il-konvenut xtara flieles izda ma hallax fil-pront u halla li l-kont jitla mhux hazin;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li ma George Borg sar l-imsemmi ftehim dwar it-Lm3 u l-mitt fellus. Dan il-ftehim pero' ma sarx bil-miktub. Huwa jghid li ma sar l-ebda ftehim kif kellhom isiru l-hlasijiet. Minhabba dan l-allegat ftehim il-konvenut jippretendi li ma ghandi jghati xejn lis-socjeta attrici anzi jippretendi ukoll li hallas ammonti li ma kellux ihallas. Inspjegabilment il-konvenut jghid li ghar-rigward tas-somma li huwa hallas fil-mori tal-kawza, l-ftehim dwar it-Lm3 ma kienx jghodd;

Tenut kont tar-rizultanzi u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jirrizultax sufficjentement pruvat li kien hemm bejn il-partijiet il-ftehim kif allegat mill-konvenut. Il-konvenut ma gab ebda prova ohra sabiex jikkorobora dak li hu qed jallega. Ma jistax jigi eskluz li sar ftehim simili ghal dak li

qed jallega il-konvenut bejn is-socjeta attrici u terzi. Dan, pero', ma jfissirx li bilfors sar l-istess ftehim mal-konvenut;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigi michuda. Fl-istess hin it-talba kif ridotta ghandha tigi akkolta stante li din tirrizulta sufficjentement pruvata;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin liri maltin (Lm255) bilanc ta' somma akbar preezz ta' flieles lilu mibjughin u kkonsenjati u dana bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.